# IL-PALESTINA - ART MAQSUMA

L-Art Imqaddsa — dîk li kien jisimha Palestîna — mis-sena 1948 'l hawn, tinsâb maqsûma bejn il-Lhûd u l-Għarab. Il-qasma tal-Lhûd, li semmewha Israël, hi magħmûla mill-Galilija, ix-xtût tal-baħar Mediterrân, u x-Xôri tan-Neġeb. Il-qasma l-oħra tal-Għarab, li sâret sehem mill-Ġordânja, hi magħmûla mis-Samarija, il-Lhûdija, u l-Wied tal-Għôr, li minnu għaddejja x-Xriegħa, jew xmâra tal-Ġordân. U mbagħad hemm biċċa żgħîra f'Għażża (Gâza) maħkûma mill-Eġittu.

Kîf jinġiebu bejniethom it-tliet xorta ta' nies, li jinsâbu f'dik l-art, il-Lhûd, l-Insâra u l-Misilmîn? Kîf jitxandar fil-gazzetti, drâbi, jkûn hemm xi ħbît żgħîr fûq il-ħdûd, fejn iż-żewġ qasmiet tal-Palestîna jmissu ma' xulxîn; drâbi, il-kbarât ta' dawn il-ġnûs isiefru xi safra twîla, f'artijiet




*Mappa tal-Palestina, kif inhi maqsuma issa. Tidher il-biċċa minnha li baqagħlhom il-Għarab, u l-biċċa l-oħra li ħadulhom il-Lhud, fit-taqbid tal-1948. Il-qasma, jew fruntiera ta' bejn l-art tal-Lhud u l-art tal-Għarab, tidher imgħallma bit-tikek. Ir-roqgħa li hemm mit-tikek 'il ġewwa, tmiss max-xmara tal-Ġurdan u l-Baħar il-Mejjet, hija tal-Għarab. Il-Biċċa l-oħra, mit-tikek 'il barra, tmiss mal-Baħar Mediterran, hija tal-Lhud. Il-Lhud ħadu l-Galilija, li hi l-aħjar biċċa art tal-Palestina, li fiha raba tajjeb u ilma wisq aktar mill-biċċa l-oħra li fadlilhom il-Għarab. Wara li l-Lhud u l-Għarab damu jitqatlu xi xhur, l-Ingliżi u l-Amerikani waqqfuhom mill-ġlied u kull naħa żammet l-art li kellha taħt idejha dak il-ħin. Il-Għarab li laħqu ħarbu u ħallew djarhom u r-raba tagħhom il-Lhud ma ħallewhomx jerġgħu jidħlu fi ħwejjiġhom. Hemm Għarab bla dar fuq miljun.*

imbegħda; u drâbi oħra, ix-Xirkiet tal-Għajnûna, jâgħtu aħbarijiet fûq kîf għedin jgħixu n-nies ta' bla dâr li hemm fil-Ġordânja (1), ħtija tal-gwerra li sâret hemm, bejn il-Lhud u l-Għarab. Imma aħna, f'dîn il-kitba, sa nagħmlu ħâġa oħra; sa naraw x'sensîl hemm bejniethom, jew x'kellhom x'jaqsmu ma' xulxîn il-Lhud u l-Għarab u l-Insâra qabel ma Muħammed, fis-Seklu Sebgħa' sejjes id-Din tal-Misilmîn.

Qabel ma tiweled Isħâk minn Sâra, il-Patrijarka Abraham kellu iben ieħor, minn Ħagar, il-lsîra, li kien jismu Ismagħel. Miktûb fil-Ktieb Imqaddes li dat-tifel, Alla kien miegħu; li kiber u għêx fix-xôri u sâr ta' ħîla kbira fit-tħaddim tal-qaws (Ktieb in-Nisel, XXI, 20). U Alla bagħat l-Anġlu tiegħu jgħîd lil Ħagar: "Jien inżîd daqs hekk in-nisel tiegħek, li għal kotru, ħadd ma jkûn jista' jgħoddu". U qalilha mill-



*Xiħ Mislem, jew Mgħallem tad-Din ta' Muhammed, li jżomm il-muftieħ tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Sjied tal-bieb u l-muftieħ tal-Bażilka huma żewġ familji Misilmin, u ilhom sjied tagħhom mill-bidu tas-seklu XIII. Jingħad li s-sultan tal-Eġittu Melek il-Għadel li kellu għadd kbir ta' wlied u lill-koll tagħa xi ħaġa biex jgħix 'il quddiem, lil tnejn minnhom tagħom il-bieb u l-muftieħ tal-Bażilka, li dak iż-żmien kien fihim qliegħ kbir, għax kull min jidħol fil-Bażilka kien irid iħallas somma ta' qrib it-tmenin frank tad-deheb. Dan il-ħlas qatgħu Ibrahim Baxa fis-sena* 1831, *u l-lum il-Bażilka jiftħuha darbtejn kull jum u jħallsu xi ħaġa żgħira darba kull wieħed, il-Franġiskani, il-Griegi u l-Armeni.*

ġdîd l-Anġlu: "Inti għandek f'ġûfek iben, li sa tildu u ssemmîh Ismagħel, għax il-Mulej sama' t-talb tan-niket tiegħek. Ikun râġel qalbieni u aħrax, bħâl ħmâr tal-barr, jeħodha ma' kull ħadd, u kull ħadd jeħodha miegħu. U jgħammar quddiem ħûtu kollha (Ktieb in-Nisel, XVI, 10-12). U hekk Ismagħel, kîf jgħîd il-Ktieb Imqaddes, ħu r-râs u l-bidu tal-Għarab kollha.

Fl-isbaħ żmien tal-Lhûd, żmien Salamûn, is-saltna tagħhom kienet tmiss mal-Għarabja. U disa' mitt sena wara, kien Erôdi, râġel ta' nisel Għarbi, li stħaqqlu li jingħâta l-isem ta' "Kbîr", għal dak li għamel għannies saltnatu, il-Lhûd tal-Palestina.

Kien ukoll fl-Għarabja li san Pawl inġabar wara li qaleb Nisrâni, biex jithejja għat-tħabbîr ta' Ġesù Kristu fost il-ġnûs, bħâl ma kiteb hu n-nifsu lil Galatîn (kap I, versi 15-17): "Meta għoġob lil dak li għażilni minn ġûf ommi li jgħarraf bija l-Iben Tiegħu, biex immur inħabbru fost il-ġnûs, jiena, malajr, bla ma qagħadt inqîs id-demm u l-laħam, u bla ma mort Ġerusalem inħabbar lil dawk li kienu Appostli qabli, tlaqt lejn l-Għarâbja". Xi kittieba Għarab, fosthom Iben-Haldun, jgħîdu li san Bartilmew ukoll mâr l-Għarâbja u nissel id-Dîn Nisrâni fil-Ħeġâż.

Wara l-ħerba ta' Ġerusalem minn Titu fis-sena 70, u tarġa' tlett mitt sena wara, meta l-Iperaturi ta' Kostantinôpli tâhom li jaħqru lil-Lhûd, għadd kbîr minn dawna ħarbu lejn l-Għarâbja, u hemm għammru u tgħammru bis-sliema, fil-Jemen u fil-Heġâż. U għal żmien twîl l-Insâra u l-Lhud kienu jissiebqu bejniethom min jirbaħ, u jagħti lill-Għarab il-pulitka u d-Dîn tiegħu. L-Insâra kienu mgħejjûna f'dan mill-Abbissini sħâbhom, u l-Lhud mgħejjuna mill-Persîn.

Fis-sena **325**, sitt Isqfijiet Għarab ħâdu sehem fil-Konċilju ta' Niċeja, u fis-sena 451, għoxrîn Isqof, Għarab ukoll, kienu fil-Konċilju ta' Kalċedonja.

Tliet qbejjel, jew *tribù* Għarab, darba waħda telqu mill-Għarâbja u marru lejn is-Surija u sâru Nsâra; u qabîl minnhom dam jaħkem hemmhekk sa ma dik l-art ittieħdet mill-Misilmîn. Imħâġra oħra Għarbija ħarġet minn artha u daħlet fin-naħa Xmieli-Xerqija, jew *north-east*, tas-Surija wkoll, u waslet sal-baħar tal-Persja u n-nies tagħha sâru Nsâra. Hekk, sa ftît qabel il-miġja ta' Muħammed, id-Dîn Nisrâni kien im-xerred sewwa fil-Jemen. Fi żmien Muħammed fil-Medîna kien hemm l-Insâra, u fil-Mekka nfisha kien hemm miħrab, bħal knisja żgħira, bi statwa tal-Madonna bil-Bambin fuq driegħha, biex il-Għarab fil-jum imgħajjen, isellu quddiemha.

* * *

Issa, wara dawn it-tagħrifiet qosra, jaqbel li nħârsu ħarsa ħafîfa lejn il-ktieb tal-Qorân, biex naraw x'hemm miktûb fîh fûq il-Lhud u l-Insâra.

Muħammed, fil-Qorân, bosta drabi jfakkar lil-Lhûd fil-wisq ġîd li misserijiethom qalgħu minn għand Alla, l-aktar fi żmien Mosè. L-iżjed li jfakkarhom, fil-għotja tal-Kotba Mqaddsa u fit-twissijiet tal-Profeti. Muħammed jgħîd li Alla qallu (2): "Jiena bgħattilhom lil Nûħ u lil Abraham, u waqqaft fost uliedhom il-għotja tat-Tbaxxîr u tal-Ktieb" (Qorân, sûra VII, vers 26); jikteb ukoll Muħammed: "Il-Lhud, ġewwa l-Infern jitolbu lill-għassiesa tagħ-

hom: 'Għîdu lill Alla Sidkom, li jagħtina mqâr jûm wieħed ta' mistrieħ mill-ħrûq ta' dân in-nâr!' Imma dawka jweġbuhom: 'Jewilla ma kelkomx il-Profeti li wissewkom u wrewkom bid-dieher li Alla kien bagħathom? Mela għajtu lilhom, ħalli jgħinûkom huma!' " (Qorân, II, 52-53). Kiteb ukoll Muħammed lil-Lhûd: "Ikun bniedem tajjeb mîn jissaffa u jselli u jtenni l-Isem t'Alla. Imma intom tħobbu l-ħajja ta' did-dinja, għal kemm il-ħajja l-oħra hi isbaħ u itwal minn dîna. Tâfu li dân kollu miktûb fil-Kotba l-Qodma, il-Kotba ta' Abraham u ta' Mosè" (Qoran, LXXXVII, 14-19).

Meta Muhammed beda jgħallem Dînu, l-Insâra kienu l-anqas nies li waqfûlu (3), u kif hemm miktub fil-Qorân, Alla qallu (2): "Għandek issîb li l-eħrex egħdewwa tal-Misilmîn huma l-Lhûd u l-Pagâni; waqt li ssîb li l-aktar qrib għalikom (3) ikunu dawk li jgħidu: 'Aħna Nsara'. Dân jiġi għax fost l-Insâra hemm qassisîn



*Nies tal-Palestina — Qassîs tas-Samarijin bil-manuskritt miktub bl-Għebrâni, li huma jgħîdu li kitbu Mosè.*

u rħieb li m'humiex imkabbra" (Qorân V, 58).

It-twemmin f'Alla Wieħed, li bis-saħħa tal-Lhûd u tal-Insâra kien imxerred fl-Għarabja, kien bħala sies li minn fuqu l-Misilmin bdew jgħallmu tagħlimhom; u dawn l-ewwel fost kollox, fettxew li jeqerdu t-twemmin ta' ħafna allât mill-Mekka. Għalhekk Muħammed, lil dawk li kienu jgħallmu d-Dîn tiegħu, fil-Qorân kitbilhom hekk: "Titlewmux ma nies il-Ktieb (jiġifieri l-Lhûd u l-Insâra), u tmeruhomx ħlief bi kliem tajjeb. Għidulhom: 'Aħna nemmnu f'dak li Alla għarraf lilkom u f'dak li għarraf lilna. Alla tagħkom u Alla tagħna hu Alla Wieħed, u lîlu aħna lkoll tajna ruħna!' " (Qorân, XIX, 45).

Għad li l-Misilmîn jiċħdu l-Misteru tat-Tletija Mqaddsa, li huma jaħsbu li hi magħmûla mill-Missier, minn Ġesù u mill-Verġni Marija, u jiċħdu wkoll id-Divinità ta' Kristu, b'dana kollu fûq Ġesù għandhom ħjiel għôli ħafna, għad li hu nieqes. Dân li kiteb Muħammed fil-Qorân: "Il-Messija, Ġesù, huwa biss Baxxâr t'Alla; huwa l-Kelma Tiegħu, li nizzilha u qegħda f'Marija; hu n-nifs t'Alla, li ħareġ minn fommu" (Qorân, VI, 169). U l-Misilmîn wisq drâbi jsemmu xi wieħed minn uliedhom *Għijsa*, jiġifieri *Ġesù*.

* * *

Wara li rajna dân kollu, xi ħadd isaqsi: "Daż-żmien, kîf iġîbu ruħhom ma' xulxin, il-Lhûd, u l-Misilmîn u l-Insâra, fl-Art Imqaddsa?

Bejn il-Għarab u l-Lhûd, il-għakkûx li hemm ma hux ħtija ta' Dînhom, imma ħtija ta' stkerriħ u għîra li hemm bejniethom, għad li huma żewġ insla ta' nies aħwa. U ħtija oħra issa, hi t-tbatija li għedîn ibâtu dawk l-Għarab li sfaw bla dâr, wara l-gwerra tal-Lhûd magħhom, għax il-Lhûd ħadulhom djarhom u mielhom, biex irewwmu pajjiżhom (1).



*Nies tal-Palestina — Mgħallem tad-Dîn Lhûdi jaqra l-Kotba Mqaddsa.*

L-Insâra li hemm il-Palestîna (Griegi, Armeni, Qoptîn, Abbissîni u Ewropîn) billi Dînhom ma hu ta' ebda ġens, imma ta' kull ħadd, hûma magħduda ta' barranîn maħmûla, jew tollerati (min jâf sa meta!). L-Insâra Għarab, wild il-Palestîna, huma wkoll magħdûda bħala nies bierda fil-ħeġġa għal art twelîdhom. Għax, fûq kollox, x'jistgħu jagħmlu kîf jinsâbu f'għadd żgħîr, f'dawk il-pajjiżi Għarab, fejn il-qofol il-kbîr tan-nies huma Misilmîn?

F'Israèl, il-Lhûd li jaqalbu Nsâra, fûq il-Passaport tagħhom ma jiktbulhomx "Lhûdi", imma "Nisrâni". Pajjîż bħala ma hu Israèl, li bil-kliem

iwiegħed li ma jindaħalx fid-Dîn, imbagħad fil-fatti jħalli lil min imexxîh u jġiegħlu jagħmel ħaġa oħra, ma jurîx ħmîl fid-Djiena, bħal ma jûru l-pajjîżi l-aktar ċivilizzati. Dawn, fûq il-Passaport ta' dâk li jkûn jiktbu "Ingliż", jew "Taljan", jew "Grieg", m'hux: "Protestant". Jew "Kattolku", jew"Ortodoss".

Fl-aħħar, fejn imiss lir-Rhieb u l-qassisîn Insâra, mill-Ewropa, li minnhom hemm għadd kbîr ġmielu



*Nies tal-Palestina — Raheb Nisrâni, jitlob fuq il-Qabar ta' Kristu.*

l-Palestîna, il-għân tagħhom huwa wieħed: li jgħarrfu dejjem aktar l-Isem ta' Ġesù; u sa fejn jistgħu, bħall-Appostli, ixerrdu Dînu, u dejjem u kull imkien jitolbu 'l Alla li jfittex jibgħat fuq dik l-Art, u fuq id-dinja kollha, l-Imħabba u s-Sliema!

P. CARLO CORNILLE.
O.F.M.

(1). Nies bla dâr, il-Palestîna, hemm fûq il-miljûn. Għedîn jgħajjxûhom il-ġnûs tal-UNO. Għandhom maħrûġa għaxar soldi 'l ras, kull jum. Dawn ħarbu mir-rħûla fejn kienu joqogħdu, qabel ma waslu s-sulqâti Lhûd fit-taqbîd tal-1948, imbagħad wara l-gwerra, l-Lhûd ma ħallewhomx jerġgħu jidħlu. In-nies ta' Nazaret, Insâra u Misilmîn, ma ħarbûx, u l-Lhûd meta ħadu l-belt ma nibxuhomx. Għadhom hemm sal-lum, jgħîxu bis-sliema.

(2) Muhammed kiteb il-Qorân, u kien jgħîd li Alla kien jibgħatlu l-Anġlu Grabiel biex jgħîdlu x'riedu jikteb. Għal hekk, "Alla qallu", u xi kliem bħâl dân, min jaqra għandu jifhem li Muhammed kien jistħajjel hekk.

(3). Bejn id-Dîn Mislem u d-Dîn Nisrâni ta' dâk iż-żmien, l-aktar fil-għewejjed, ma kienx hemm għażla kbîra, għal hekk l-Insâra u l-Misilmîn qatt ma ġġieldu kemm dam ħaj Muhammed u żmien wara; u għadd kbîr ta' Nsâra qalbu Misilmîn. Il-Misilmîn bħall-Insâra jemmnu f'Alla Wieħed, u fl-Anġli. Jemmnu bil-Patrijarki u l-Profeti; li ma għandekx toqtol, jew tiżni, jew tisraq, jew tigdeb. Li għandek tweġġaħ lill-missierek u 'l ommok, isselli 'l Alla, issûm u tgħîn lil foqra. U kellhom, u għad għandhom, qîma kbîra lejn Ġesû u Ommu Marija, kif jidher mill-aħħar tismija tat-test tal-Qorân, hawn fuq. (Noti tal-Ed.)